«ir-razza ttajru fuq ir-raħal tagħna u għalkemm dan ir-
«raħal ma huwa qrib l-ebda bini militari xeħtu kemm
«felhu bombi fuq djar ta' nies li qatt ma għamlulhom
«xejn, ħlief li dejjem caħdu li jgħidu li huma Taljani
«bħalhom. Nannuk, nanntek, ħija Salvu, ħuk Ġanni u jiena
«konna ma' dwar il-mejda se niklu dak li Alla għoġbu
«jagħtina. F'daqqa waħda nisimgħu tisfira, tfaqqigħa li
«twerwer u xejn iżjed. Meta ġejt f'sessija sibt ruħi fl-
«isptar b'kuxtejja mdawrin f'tajjar u faxex. Meta kont
«niflaħ biżżejjed it-tabib ewlieni għarrafni li d-dar tagħna
«kienet intlaqtet u li jiena kont tlift saqajja t-tnejn; meta
«saqsejtu għal ommi, missieri, ħija u ħuk, beda jsab-
«barni mill-aħjar li jista' u qalli sabiex nitlob għar-ruħhom.
«Nittama li tinsab ferħana li tagħmel sehem minn
«dak il-ġens bojja ta' qrabatek u ta' l-għażiż ħuk.»

Zitek ŻEŻA

Port Said, 8-9-43.

Walter ZAHRA

## FIT-TRIQ TAR-REBHA

Bl-imħabba lejn l-art illi tathom il-ħajja,
Bil-għelm tal-ħelsien, u bil-qawwa tas-sewwa,
Bla biża', bil-ħeġġa li tirbaħ u tegħleb,
Għaddejja bħal riefnu jeqirdu l-egħdewwa.

Isimhom hu mnaqqax fil-qlub tal-ġnus ħielsa,
Bid-demm kisbu l-ġieħ, u fil-mewt sabu l-glorja,
Ifarrku w mexjin, 'il quddiem dejjem riesqa
Fit-triq li twassalhom għall-ġmiel tal-vittorja.

Dawn huma l-Qalbiena. Dawn huma s-suldati
Li ntefgħu, bla lewma, fin-nar tat-taqtigħa.
Ilkoll qed jissieltu bħal dbejjeb imgħaddba,
Ilkoll kelma waħda: Din hi l-akbar siegħa!

Wieħed hu ħsiebhom: illi jxejnu l-moħqrija.
Fehmithom li jagħtu lill-ġnus il-qawmien.
Mexjin — qishom baħar li jibla' w li jeqred.
It-triq issa qabdu tar-Rebħ u l-Ħelsien.

*Guzè Chetcuti*

## IT-TAQBIDA GHALL-ILSIEN MALTI

minn I.M.A.

Meta bdiet «it-taqbida għall-ilsien malti» ħadd ma jaf sewwa imma kulħadd jaf li meta San Pawl niżel f'Malta mal-1900 sena ilu sab fil-Gżira nies li kien jiftehmu bejniethom b'certu lsien. Mela nistgħu ngħidu bla biża' ta' xejn li n-nies li kienu jgħammru fil-Gżira f'dak iż-żmenijiet kienu għażlu minn rajhom għadd ta' kliem li fuqu ssejjes «Ilsien il-Gżira».

Kemm ġnus għaddew minn fuq il-Blata tagħna jaf kulħadd u fl-ilsien tagħna — bħal f'ġensna — hemm xi ħjiel ta' dawn il-ġnus kollha, iżda ebda wieħed minnhom, ukoll dawk li fi żmienhom kienu jwerwru lid-dinja bil-ħila, qawwa u l-kobor tagħhom u jekk tridu wkoll b'għerfhom, ma kellu s-saħħa jeqred l-ilsien malti. Għalhekk, bħal f'ħolma, għaddew minn fuq Malta ħakkiema Rumani, Saraċini, Normanni, Aragoniżi, Spanjoli u wara, meta marru l-Kavalieri, ħadu magħhom it-tmien ilsna ta' l-Ordni u meta telqu huma ħakmu l-Franċiżi u fl-aħħarnett l-Ingliżi li għadhom f'Malta sallum, li kollha kemm huma ħallew warajhom monumenti, drawwiet, xi kelma 'l hinn u 'l hawn, imma «Ilsien-il-Gżira» baqa' u kif 1900 sena ilu San Pawl semagħna ngergru bejnietna b'ilsien mhux magħruf minnu, hekk illum l-Ingliżi jismgħuna ngergru bejnietna b'ilsien malti. San Pawl u sħabu sejħulu «berber» għax ma kenux jafu x'inhu, l-Ingliżi u kull barrani li jersaq lejn Malta jsejħulu «Ilsien Malti».

Meta l-Maltin bdew jiftħu għajnejhom staqsew lilhom infushom: «Il-għala ilsien il-Gżira nitkellmu bih imma ma niktbuhx?» Ma nafux it-tweġiba x'kienet imma nafu li x'uħud minnhom ħassew li «ilsien-il-Gżira» kien jistħoqqlu jkun mirqum, imsaħħaħ, imkattar u merfugħ, u minn dak iż-żmien bdiet it-taqbida għall-ilsien malti miktub. Ikun imbierek dak il-bniedem li fetaħ it-triq, li kif jingħad kien Monsinjur Duzina fil-1570, triq li fiha daħlu ħafna oħrajn fosthom il-Kanonku Ganfrancisk Agius Sultana (de Soldanis) li kiteb grammatka ckejkna fil-1750 u wara Mikiel Anton Vassalli li tana fil-1791 l-ewwel grammatka u dizzjunarju u xogħolijiet oħra li ta' warajhom u li għalihom tawh l-isem mistħoqq «Missier l-Ilsien Malti».

Mit-triq ta' Vassalli għaddew P.F. Soave (1826) Peppu